MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 30/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**

**Vs**
Mariano Fenech

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.00 p.m., fil-Victor Tedesco Stadium, fil-Hamrun waqt loghba football bejn Isla w Naxxar :**
**1) wera mgieba abbuziva;**
**2) qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;**
**3) insulenta bi kliem lil assistent referee Nicholas Debattista;**

**4) volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;**
**5) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirhom;**
**6) hedded u ingurja bi kliem lil PS 426 A. Portelli u lil PC 601 J. Spiteri, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwizzi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;**
**7) u aktar tefgha ogett iebes (karkur) fil-ground fid-direzzjoni tal-assistent referee Nicholas Debattista.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 6, 7, u 9 tar-Regolamenti biex Jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds tal-Isports sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w ikkundannatu LM 30 multa w skwalifikatu milli jattendi f'xi ground sportiv ghal perjodu ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda ta' PS 426 Anthony Portelli fis-seduta tal-lum.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal li bih Dr. Roberto Montalto ghall-appellant iddikjara li kien qed jillimita l-appell tieghu biss ghas-sejbien ta' htija dwar il-hames u s-sitt imputazzjoni.

Rat in-nota tal-istess appellant li biha rrtira l-appell tieghu ghar-rigward tas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba'  w is-seba' imputazzjonijiet.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih iddikjarat illi l-aggravji dwar il-hames w is-sitt imputazzjonijiet jidhru li huma fondati.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' PS 426 Anthony Portelli,  mhux kontestata, jirrizulta abbondantement li l-appellant wera mgieba abbuziva skond l-ewwel imputazzjoni. Qal kliem oxxen fil-pubbliku izda mhux dagha.  Insolenta bi kliem lill-assistent referee Nicholas Debattista skond it-tielet imputazzjoni.  Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika skond ir-raba' mputazzjoni w tefa' oggett iebes fil-ground fid-direzzjoni tal-istess assistent referee Nicholas Debattista, izda ma jirrizultax illi fil-fatt inghata xi ordni leggittima mill-Pulizija illi huwa naqas li jobdi w certament it-theddid u l-ingurji bi kliem fil-konfront tar-referee u l-assistent referee ma jammontawx ghall-ingurji w theddid fil-konfront ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku (ara s-sentenza ta' din il-Qorti  fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Charles Chircop"** [9.1.2006] ).

Tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' w tas-seba' mputazzjonijiet u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames u tas-sitt imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-multa ta' tletin lira Maltin (LM30) kif ukoll issospendietu milli jattendi jew jidhol fi kwalunkwe ground sportiv ghal zmien sitt xhur u minflok tilliberah mill-hames u s-sitt imputazzjoni w tikkundannah ghal multa ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u tissospendieh u tisskwalifikah milli jattendi jew jidhol fi ground sportiv ghal zmien hames xhur li jibdew jghoddu mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------